# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Ottubru 2024**

**Numru: 1**

**Rikors numru 10/2020/1 RGM**

**Anna Geltrude D'Amico**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat tal-Istat**

1. Din is-sentenza hi dwar l-appell tal-konvenuti mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla tad-29 ta' Settembru 2022 li ordnat li ma jsirx użu minn staqrrija li r-rikorrent tat lill-pulizija u l-istqarrija li kkonfermat bil-ġurament quddiem Maġistrat.

2. Il-fatti rilevanti huma dawn:

i. L-attriċi għandha nazzjonalità Taljana u ma tifhimx bil-Malti. F'Novembru 2014 kienet arrestata ma' oħrajn u ġiet investigata dwar importazzjoni u traffikar ta' droga.

ii. Fl-10 ta' Novembru 2014 l-attriċi kienet interrogata mill-pulizija fil-Kwartieri Ġenerali, Floriana. Waqt l-interrogazzjoni ma kinitx assistita minn avukat peress li f'dak iż-żmien il-liġi ma kinitx tagħti dak id-dritt lill-persuna suspettata.

iii. L-attriċi ffirmat l-istqarrija li hi miktuba bil-Malti. Fl-aħħar tal-istqarrija jingħad li nqrat lilha *"... mit-tradutriċi Imelda Fede...."*.

iv. Fl-istqarrija jingħad li l-attriċi kienet taf li n-neputi tagħha u l-ħabib tiegħu kienu poġġewlha d-droga fil-bagalja biex iġġorrha lejn Malta.

v. L-istqarrija kienet konfermata ġurament quddiem Maġistrat.

vi. Eventwalment ittieħdu proċeduri kriminali kontra l-attriċi li għadhom pendenti.

vii. Din l-istqarrija wasslet sabiex fl-14 ta' Jannar 2020 l-attriċi tiftaħ il-kawża in eżami u tilmenta minn ksur tal-jeddijiet fundamentali protetti taħt Art. 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Art. 39 tal-Kostituzzjoni.

**3.** Fir-rikors promotur l-attriċi talbet lill-Qorti sabiex tiddikjara li sofriet ksur tal-imsemmija jeddijiet fundamentali, u sabiex tordna l-isfilz tal-istqarrija mill-atti tal-kawża **Il-Pulizija vs Ann D'Amato**.

4. Il-konvenut wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn it-talba tal-attriċi għandha tkun miċħuda, *inter alia* li l-kwistjoni dwar seħħx ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq kienet intempestiva; in-nuqqas ta' assistenza minn avukat waqt l-interrogatorju, waħdu ma jwassalx għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq; u l-attriċi tkellmet ma' avukat qabel beda l-interrogatorju.

5. B'sentenza tad-29 ta' Settembru 2022 l-Ewwel Qorti ddeċidiet:

> *"Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeċiedi r-rikors tal-14 ta' Jannar 2020 billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati bil-mod kif hawn fuq deċiż,*
>
> *1. Tiċħad in parte it-talba tar-rikorrenti in kwantu talbet dikjarazzjoni ġudizzjarja li ġew miksura d-drittijiet fundamentali tagħha protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*
>
> *2. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti safejn talbet rimedju xieraq u tiddikjara u tiddeċiedi illi ma għandu jsir l-ebda użu mill-istqarrija li r-rikorrenti irrilaxxjat waqt l-interrogazzjoni tagħha mill-pulizija, kif ukoll ma għandu jsir l-ebda użu mill-istqarrija konfermata bil-ġurament mir-rikorrenti quddiem il-maġistrat inkwirenti.*
>
> *Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet".*

6. Fis-sentenza appellata ma jingħad xejn dwar l-ilment li l-attriċi sofriet ksur tal-Art. 7 tal-Konvenzjoni. Madankollu, dak m'huwiex meritu tal-appell tal-konvenuti.

7. L-Ewwel Qorti *inter alia* kkunsidrat:

*"Ir-rikorrenti qed titlob fost l-oħrajn li din il-qorti tordna l-isfilz tal-istqarrija tagħha mill-proċess tal-atti penali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Ann D'Amato". Jekk din il-qorti ser issib illi referenza fil-proċeduri penali għall-istqarrijiet tar-rikorrenti mogħtija mingħajr ma kienet assistita minn avukat kisru jew potenzjalment jistgħu jiksru il-jeddijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti, ma jkunx f'loku li l-ewwel jitħalla li jsir użu minn tali stqarrijiet potenzjalment leżivi tad-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti, sabiex imbagħad, f'każ li l-proċess penali jiġi konkluż kontra r-rikorrenti, jiġu istitwiti proċeduri sabiex jiġi mistħarreġ jekk l-użu tal-istqarrijiet f'sejbin eventwali ta' ħtija wassalx sabiex ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.*

*Il-Qorti għalhekk tqis illi l-eċċezzjoni tal-intempestivita' mressqa mill-intimati ma hiex fondata u qed tiġi respinta.*

***L-Eċċezzjonijiet fil-Mertu**.*

*Fil-mertu l-intimati jeċċepixxu illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat waqt stqarrija ma jwassalx ipso facto għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq; illi qabel irrilaxxjat l-istqarrija r-rikorrenti ingħatat il-fakolta' li tikkonsulta l-avukat tal-għajnuna legali; u illi r-rikorrenti ikkonfermat minn jeddha l-istqarrija tagħha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u għalhekk id-drittijiet tar-rikorrenti ġew imħarsa minn kull forma ta' abbuż.*

*Ir-rikorrenti min-naħa tagħha tirribatti illi l-istqarrijiet tagħha mingħajr ma kienet assistita minn avukat jiksru d-drittijiet tagħha kif protetti bl-artikolu 29 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Tajjeb jiġi osservat illi fis-sena 2014 meta r-rikorrenti r-rilaxxjat l-istqarrijiet mertu tal-kawża odjerna suspettat ma kellux id-dritt li jkun akkumpanjat minn avukat waqt l-interrogazzjoni tal-pulizija. Il-liġi inbidlet fis-sena 2016 sabiex illum in forza tas-**subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 355AUA tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif mizjud b'Att LI tal-2016 '(1)** Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħalliha teżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv. (2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet: (a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali; (b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu*

*(8)(e); (c) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà; (d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.'*

*Mhux hekk fis-sena 2014 meta s-suspettat kellu biss id-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni iżda l-avukat tas-suspettat ma setgħax ikun preżenti waqt l-interrogazzjoni.*

*Din il-qorti tibda' billi tirrimarka illi l-istqarrija tar-rikorrent rilaxxjata lill-pulizija u sussegwentement konfermata bil-ġurament tagħha quddiem il-Maġistrat Inkwirenti ma tteħditx b'mod illegali peress li ingħatat fil-qafas legali viġenti fil-jum li ingħatat.*

*Ir-rikorrenti qed titlob lill-qorti tiddikjara illi bil-fatt li l-istqarrijiet tagħha ingħataw mingħajr ma kienet assistita minn avukat liema stqarrijiet illum jifformaw parti mill-atti tal-kumpilazzjoni penali pendenti kontra tagħha, allura ġie leż id-dritt fondamentali tagħha għal smiegħ xieraq kif protett bl-artikolu 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjonli ta' Malta.*

*Il-Qorti ma tqisx li r-rikorrenti għandha raġun meta ssostni li d-dritt tagħha għal smiegħ xieraq ġie leż.*

*In tema legali ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiuet* ***Morgan Onuorah vs. Avukat tal-Istat*** *(Rik Kost 176/2019). Fejn wara li għamlet referenza għall-insenjament mogħtija minnha stess fis-sentenzi tagħha fl-ismijiet* ***Stephen Pirotta vs. Avukat Ġenerali*** *u* ***Graziella Attard vs. Avukat Ġenerali*** *għaddiet sabiex għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:*

*"22. F'dik is-sentenza l-Qorti kkonkludiet li għar-raġunijiet li jissemmew fiha, fosthom dak li ntqal f'paragrafu 10, ma jkunx "..... għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali, ..........". Raġunament li din il-Qorti diġa` addottat f'sentenzi preċedenti, bħal Christopher Bartolo v. Avukat Ġenerali et tal-5 ta' Ottubru 2018 u Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella tal-14 ta' Diċembru 2018.*

*23. Rilevanti wkoll li fejn isir ġuri, kif ser isir f'dan il-każ, huma l-ġurati li jagħmlu l-apprezzament tal-provi u l-verdett ma jkunx fih motivazzjoni. Għalhekk jeżisti l-periklu ċar li l-ġurati jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq dik il-prova.*

*[...]*

*26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fondamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd*

*fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament.*

*27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura adversarial tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti Mehmet Zeki Celebi v. Turkey (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:*

*"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that it is only in very exceptional circumstances that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*

*28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kien difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza Ibrahim and Others v. the United Kingdom tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-'overall fairness' tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza Beuze v. Belgium tad-9 ta' 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.*

*29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu. Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda taddotta din il-posizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju* ***r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana*** *deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u* ***r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello*** *tat-3 ta' Diċembru 2019)."*[1]

*Il-fatt waħdu li l-interrogazzjoni ma saritx fil-presenza ta' avukat m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq jew sabiex jitqies li dik l-istqarrija m'għandhiex valur probatorju. Hija l-istqarrija li fiha ammissjoni għal uħud jew għar-reati kollha li m'għandhiex ikollha valur probatorju jew li l-użu tagħha jista' jwassal għall-ksur tal-jedd fundamentali.*

[1] Għal kull buon fini din il-Qorti tosserva li s-sentenza **Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** ġiet appellata mill-Avukat Ġenerali u s-sentenza tal-Ewwel Qorti ġiet imħassra mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fl-istess ġurnata li ngħatat dik is-sentenza.

***Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn akkuża li tkun qiegħda tinstema' minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata.*

*Fid-dawl taċ-ċirkostanzi li fuqhom ir-rikorrent tibni l-każ tagħha joħroġ ċar li l-ilment kostituzzjonali tagħha jirreferi għal avveniment li seħħ qabel ma tresqet il-Qorti sabiex twieġeb għal akkużi miġjuba kontriha. F'każ bħal dak, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jkunux għadhom applikabbli. Madankollu, in linea ma' dak li ngħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Malcolm Said vs. Avukat Ġenerali et** (Rik Kost 74/2014) fl-24 ta' Ġunju 2016 ma jfissirx li dak li jkun sar qabel ma r-rikorrent ikun ġie akkużat ma jistax jolqot, bi preġudizzju għalih, dak li jiġri wara li jiġi akkużat. Għalhekk jekk it-teħid tal-istqarrija jkun sar bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent, il-vjolazzjoni ma sseħħx daqstant bil-fatt li tkun ittieħdet l-istqarrija meta r-rikorrenti kienet għadha qed tiġi nvestigata, iżda bil-fatt li fil-kors tal-proċediment ġudizzjarju fejn qed tiġi akkużata isir użu mill-istqarrija tal-akkużata kontra l-istess akkużata.*

*Min-naħa l-oħra ai termini ta' l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni** jista' jsir stħarriġ ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq sa minn qabel mal-każ jitressaq għal smigħ quddiem qorti, jekk kemm-il darba jintwera li l-proċediment x'aktarx ikun serjament kompromess b'xi nuqqas ta' tħaris fi stadju bikri ta' xi wieħed mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu. Illum il-ġurnata ma għad fadal l-ebda dubju li, għall-finijiet tal-Artikolu 6 (3) tal-Konvenzjoni, il-jedd li wieħed ikun mgħejjun minn avukat magħżul minnu nnifsu jew imqabbad għalih b'xejn meta ma jkollux minn fejn iħallas avukat, jibda jgħodd sa minn qabel is-smigħ proprju tal-każ kriminali, u ċioe japplika minn meta l-persuna tkun għadha miżmuma b'suspett ta' twettiq ta' reat jew waqt l-istħarriġ tal-istess reat u qabel ma jkunu nħarġu akkużi speċifiċi kontra tagħha, diment li ma jkunx hemm raġunijiet tajbin li jżżomm lill-akkużat milli jikkonsulta ma' avukat. Taħt din il-kappa ġeneralment jaqgħu sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Hija l-awtorità pubblika li trid turi li kien hemm raġuni tajba biex iċċaħħad lil persuna milli tkun mgħejjuna minn avukat u kif ukoll li dik il-persuna tassew u mingħajr theddid irrinunzjat għal dak il-jedd.*

*Fil-każ odjern ma jirriżultax li kien hemm xi raġunijiet hekk serji u partikolari (li l-QEDB tiġborhom taħt il-kliem 'compelling reasons') li jċaħħdu lir-rikorrent milli tkun assistiet minn avukat waqt li kienet qed tagħti l-istqarrija. Ir-raġuni waħdanija li dan ma sarx hi biss li l-liġi viġenti f'dak iż-żmien ma kinitx tħalli li persuna fil-qagħda tar-rikorrenti setgħet titlob dik l-għajnuna. Però kif spjegat taħt il-ġurisprudenza kwotata aktar 'l fuq, m'għadux il-każ li jista' jingħad li l-fatt waħda li l-liġi ma kinitx tippermetti l-assistenza t'avukat, iwassal sabiex awtomatikament jinstab li hemm ksur tal-jedd kif imħares taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*

*Rilevanti wkoll l-osservazzjoni li għamlet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***Morgan Onuorah vs. Avukat tal-Istat*** *(Rik Kost 176/2019) fejn ordnat l-isfilz tal-istqarrija mill-proċess kriminali wara li ħadet kont tal-fatt li "huma l-ġurati li jagħmlu l-apprezzament tal-provi u l-verdett ma jkunx fih motivazzjoni. Għalhekk jeżisti l-periklu ċar li l-ġurati jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq dik il-prova" u li "l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali."*

*Din il-qorti tagħmel referenza mill-ġdid għall-aktar sentenza reċenti tal-Qorti Kostituzzjonali in materia ġia ċitata supra fejn fir-rigward jingħad kif ġej:*

> *15. Illi meta wieħed jiġi biex jifhem kif jitħaddem kemm l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, iridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun, u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti . Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq . F'ċirkostanza bħal din u safejn ma toħroġx prova ta' xi ħsara jew preġudizzju li ma jissewwiex, huwa ndikat u għaqli li l-istħarriġ dwar jekk wieħed ingħatax smigħ xieraq isir wara li jkun intemm il-proċediment li jkun u mhux qabel. Huwa minnu wkoll li wieħed ma jistax jeskludi minn qabel li jista' jkun hemm ċirkostanza proċedurali waħda matul il-proċess ġudizzjarju li taf tkun serja u determinanti biżżejjed biex titlob l-istħarriġ tal-ilment ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda r-regola tibqa' li jitqies l-iter proċedurali kollu;*
>
> *- Omissis -*
>
> *Min-naħa l-oħra, bħalma din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ewwel kawża kostituzzjonali sabet li kien jixraq li ma jsir l-ebda użu ieħor taż-żewġ stqarrijiet li r-rikorrent appellat ta lill-Pulizija, bla ma sabet li kien diġa` ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, hekk ukoll f'dan il-każ, il-fatt li din il-Qorti jidhrilha li ma għandu jsir l-ebda użu mill-istqarrija maħlufa li l-appellat għamel quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, ma jfissirx li dan qiegħed isir għaliex huwa ġarrab ksur ta' dak il-jedd, <u>imma sewwasew biex jitneħħa l-biżgħa li jista' jġarrab ksur bħal dak;"[2] (sottolinear ta' din il-qorti).</u>*

*Dan l-insenjament huwa applikabbli perfettament għall-każ in eżami. Una volta l-istqarrijiet tar-rikorrenti sew waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija kif ukoll il-konferma ġuramentata quddiem il-maġistrat inkwirenti tal-istess stqarrija seħħew meta r-rikorrenti ma kienitx assistita minn avukat, l-użu ta' dawn l-istqarrijiet fil-proċess penali potenzjalment jista' jwassal għall-ksur tal-jedd tar-rikorrenti għal smiegħ xieraq".*

[2] **Christopher Bartolo vs L-Avukat tal-Istat** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' April 2022:

8. Fid-19 ta' Ottubru 2022 il-konvenuti appellaw mis-sentenza bl-aggravju jkun minn dik il-parti li ordnat li ma jsirx użu mill-istqarrija li ngħatat lill-pulizija u l-istqarrija ġuramentata li saret quddiem Maġistrat. F'dan l-aggravju sar enfasi fuq l-*overall fairness* tal-proċeduri kriminali. Spjegaw ukoll li ma saritx pressjoni fuq l-attriċi u li kienet tkellmet ma' avukat qabel għamlet l-istqarrija. Għalkemm minn kif xehed Dr David Cassar f'dak iż-żmien l-attriċi jidher li kienet għaddejja minn perjodu familjari emottiv, b'daqshekk ma jfissirx li dak li qalet lill-ispettur Bondin intqal taħt pressjoni jew għaliex imġiegħla. Il-konvenuti għamlu referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Aiello** u għal sentenzi oħra li ngħataw minn din il-Qorti.

9. Fil-15 ta' Marzu, 2024 l-attriċi wieġbet u tat ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell. L-attriċi għamlet referenza għall-ġurisprudenza u ssostni li m'huwiex minnu li l-Qorti Kriminali, li eventwalment ser tisma' u tiddeċiedi l-każ, għandha l-għodda biex it-test tal-*overall fairness* tal-proċess kriminali jkun garantit. Dan speċjalment meta tikkunsidra li l-proċess kriminali ser isir f'ġuri.

**Konsiderazzjoni.**

10. L-attriċi xehdet permezz ta' affidavit u spjegat li qalet lill-pulizija li kienet ser tagħmel stqarrija li fiha ddikjarat dak li riedu l-pulizija, għaliex kienu qalulha li ser tmur ħmistax-il sena ħabs. Qalet ukoll li tkellmet ma' avukat bit-telefon li qalilha li ma setax imur id-Depot u li kellha tgħid il-

verità. Żiedet li l-verżjoni li tat fl-istqarrija hi biss minħabba l-pressjoni li l-pulizija għamlu fuqha, u kien għalhekk li aċċettat li tgħid li ġabet id-droga f'Malta. Spjegat li mal-pulizija kienet innegat li importat id-droga, u kkonfermat li meta fetħet il-bagalja li użat għall-vjaġġ, ma kienx hemm droga fiha. Qalet li fil-bagalja kien hemm biss affarijiet tagħha. Min-naħa l-oħra l-Ispettur Malcolm Bondin, li kien involut fl-investigazzjoni u ffirma wkoll l-istqarrija, ta verżjoni totalment differenti minn dik li tat l-attriċi. Spjega li l-attriċi kienet ikkoperat magħhom u ċaħad li qalilha li ser tintbagħat ħmistax-il sena ħabs. Ikkonferma wkoll li l-attriċi kompliet tikkopera billi kkonfermat l-istqarrija bil-ġurament quddiem Maġistrat.

11. L-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-intempestività tal-azzjoni. Għalkemm l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-attriċi sabiex tiddikjara li seħħ ksur tal-jedd fundamentali protett taħt Art. 6 tal-Konvenzjoni u Art. 39 tal-Kostituzzjoni, xorta ordnat li ma jsirx użu mill-istqarrija li tat lill-pulizija u mill-istqarrija li kkonfermat bil-ġurament quddiem Maġistrat. Dan peress li qieset li l-użu ta' dawk l-istqarrijiet *"..... potenzjalment jista' jwassal għall-ksur tal-jedd tar-rikorrenti, għal smigħ xieraq"*.

12. Fis-sentenza **Romario Barbara vs L-Avukat Ġenerali et** tat-12 ta' Lulju, 2023 din il-Qorti ħadet pożizzjoni ċara:

> *"Il-Qorti Kriminali għadha trid tevalwa l-istqarrijiet li saru u jekk saru ikunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq minħabba l-mod kif ittieħdu tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jvarjaw minn każ għall-ieħor. Hemmx leżjoni tad-dritt għalhekk ser jiddependi mill-mod kif il-Qorti*

*Kriminali tkun trattat l-istqarrijiet u l-piż mogħtija lilhom fl-assjem tal-provi kollha. Għal dak li jiswa jista' jkun il-każ li l-Qorti Kriminali fl-aħħar mill-aħħar ma ssibux ħatiu għalhekk ħafna mill-preokupazzjonijiet tiegħu dwar l-istqarrijiet jisfa fix-xejn. Dan biex ma jingħadx ukoll li anke wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali hemm il-possibbilità li jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, li għandha s-setgħa li ddawwar l-affarijiet. Jiġi b'hekk, li l-ilment jekk seħħx virtwalment xi ksur ta' drittijiet fundamentali f'dan l-istadju huwa għal kollox prematur.*

*19. Huwa rilevanti dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ ta'* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello*** *deċiż fis-27 ta' Jannar 2021 dwar kif għandha timxi l-Qorti Kriminali meta qalet hekk:*

> *"23. Għaldaqstant magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment b'dan illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemgħu il-provi kollha, fl-indirizz finali, l-Imħallef togat għandu jagħti dik id-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar il-valur probatorju ta' l-istqarrija rilaxxati mill-akkużat jekk jirrizulta illi dawn ma ttieħdux skont il-liġi, jew jekk javveraw irwieħhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-deċiżjoni Beuze hawn fuq iċċitata. Fuq kollox, għall-appellat dejjem jibqa' id-dritt tiegħu li jitlob reviżjoni tal-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu".*

*20. L-appellant ma jistax jagħmilha bħala fatta li huwa mhuwiex sejjer ikollu smigħ xieraq minħabba l-mod ta' kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom mexjin, allura huwa jgawdi mill-preżunzjoni tal-innocenza. Tassew il-prosekuzzjoni għad trid tipprova l-akkuzi tagħha kontra tiegħu u l-istess akkużat għad għandu kull opportunità li jiddefendi lilu nnifsu."*

13. Pożizzjoni li din il-Qorti reġgħet ikkonfermat fis-sentenza **Nicholas Vella vs Avukat Ġenerali** tat-25 ta' Ottubru, 2023.

14. Il-Qorti tistqarr li tara anomalija fis-sentenza appellata, ġialadarba l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-attriċi fil-meritu għal dak li jirrigwarda l-ksur tal-jedd fundamentali protett taħt Art. 39 tal-Kostituzzjoni u Art. 6 tal-Konvenzjoni. Is-sentenzi ta' din il-Qorti, qabel seħħ l-iżvilupp rifless fis-sentenzi fuq imsemmija, kien fis-sens li meta l-proċess kriminali jkun għadu pendenti, talba bħal dik li għamlet l-attriċi hi intempestiva.

Madankollu, l-Qorti xorta kienet tordna li l-istqarrija ma tintużax bħala prova sabiex ma jkunx hemm periklu li l-proċess kriminali jkun vizjat. Kienet biss ordni ta' natura preventiva u xejn iktar. Is-sitwazzjoni hi differenti f'dan il-każ għaliex l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba fil-meritu li seħħ ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, irrispettivament mir-raġuni li tat għal dik il-konklużjoni. Għaldaqstant, illum dik il-parti tas-sentenza hi ġudikat.

15. Hu fil-proċess kriminali li għandu jiġi determinat x'valur probatorju għandhom l-istqarrijiet li ngħataw mingħajr ma kien preżenti avukat jassisti lill-attriċi, wara li *inter alia* jiġi kkunsidrat jekk:

i. L-attriċi għandhiex titqies bħala persuna vulnerabbli meta għamlet l-istqarrja, peress li qalet li f'dak iż-żmien kien miet is-sieħeb tagħha u kienet qiegħda tbati minn depressjoni. F'dan ir-rigward xehed ukoll il-psikjatra Dr David Cassar li kien qiegħed jikkuraha wara li ħarġet mill-ħabs, u esprima l-opinjoni li *"Fl-interrogazzjoni tal-pulizija, għalija kien ċar li din kienet mara imkissra, mgħafġa totalment..."* (fol. 37). Għamel ukoll rapport fejn iddikjara li wara li s-sieħeb tagħha kien miet tmintax-il jum qabel ġiet Malta, *".... left her in a deeply vulnerable state and unable to function mentally in an appropriate emotionally and cognitively safe manner and in that context she was not able of appropriate reasoning and judgment"*.

ii. L-attriċi għamlitx l-istqarrijiet minħabba allegat pressjoni min-naħa tal-pulizija. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li f'din il-kawża hemm żewġ verżjonijiet għal kollox kontrastanti ma' xulxin, dik tal-attriċi u dik tal-ispettur Bondin li kategorikament ċaħad dak li allegat l-attriċi. Għalhekk irid isir eżami taċ-ċirkostanzi li fihom saru l-istqarrijiet.

iii. L-attriċi hijiex ser tixhed fil-proċeduri kriminali u fl-affermattiv x'verżjoni ser tagħti.

iv. L-interpretu kinitx preżenti waqt l-istqarrija jew waslitx wara li tlestiet, kif ukoll il-fatt li l-istqarrija inkitbet bil-Malti meta l-attriċi ma tifhimx dik il-lingwa.

16. Dawk huma kollha kwistjonijiet rilevanti b'referenza għall-valur probatorju tal-istqarrijiet. Konsiderazzjoni oħra li trid tagħmel il-Qorti Kriminali u tagħti d-direzzjoni opportuna lill-ġurati hi dwar jekk l-istqarrija hijiex l-uniku prova kontra l-attriċi. Ġialadarba l-proċess kriminali għad irid isir, kwistjonijiet relatati ma' provi għandhom jiġu determinati fil-kawża kriminali. Ovvjament f'dan kollu jekk il-każ tal-attriċi ser jinstema' f'ġuri, ir-rwol tal-imħallef ser ikun kardinali meta jiġi biex jagħti direzzjoni lill-ġurati dwar il-valur probatorju tal-istqarrija. Dan apparti l-jedd tal-appell f'każ ta' sejbien ta' ħtija.

**<u>Deċiżjoni</u>.**

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-appell tal-konvenuti u tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tħassar dik il-parti li ordnat li fil-proċess kriminali m'għandux isir użu mill-istqarrija u l-istqarrija ġuramentata li tat l-attriċi. Spejjeż tal-appell a karigu tal-attriċi.

Tordna li kopja awtentika ta' din is-sentenza titpoġġa fl-atti tal-kawża kriminali fuq imsemmija.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss